# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18

Il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunità li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020 fl-4.00pm.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI :

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**18.1 Talba;**

18.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**18.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

18.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa, għalhekk ma' kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**18.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

18.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 17 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

18.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

18.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

18.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

18.4.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg beda billi ppropona biex il-Kunsill jikteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali u lil Ministru Jose Herrera biex id-direttiva li l-laqgħat jerġgħu jsiru normali terġa tiġi kkunsidrata u riveduta. Dan għar-raġuni, li fil-Kunsill hawn żewġ persuni anzjani li jridu joqgħodu ma' mejda ta' żewġ metri li jkun hemm madwarha sitta min-nies għal aktar minn sagħtejn. Meta saru l-laqgħat onlajn, bejn Marzu u Ġunju irnexxew. Dakinhar kien hemm għexrien ta' nies morda bil-COVID-19 u illum in-numru hu ferm għola, u telgħa mijiet. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ippropona li l-Kunsill jikteb ukoll lis-Supretendent tas-Saħħa Dr Charmaine Gauci. Kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku qal li l-laqgħat tar-Reġjun Għawdex isiru

onlajn.

18.4.2 Is-Sindku informa li fil-laqgħa preċedenti bi svista, ma ssemmietx is-somma ta' €3,000 li l-Kunsill irċieva mingħand il-WasteServ bħala ħlas tar-rebħ tat-tielet premju tal-WasteServ is-sena l-oħra, dan wara ħafna taħbit, għar-raġuni li l-Bord preċedenti kemm il-darba nforma lill-Kunsill li dawn tħallsu meta ma kienx il-każ.

18.4.3 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg informa lil dawk preżenti li mill-15 ta' Awwissu 2020, il-ġbir tal-ħġieġ u tal-borża riċiklabbli reġa' beda jinġabar mill-Kunsill, minħabba l-fatt li x-xahrejn *notice* tal-GreenPak għaddew. Hu tenna li issa il-Kunsill irid iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-ġbir hu, għalhekk ippropona li terġa tinkiteb ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex il-ħlas isir mid-Dipartiment.

18.4.4 Rigward il-kawża tal-Qorti kontra l-Awtorita' tal-Artijiet, is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li attenda għas-seduta tal-Qorti li saret nhar l-20 ta' Awwissu 2020. Skond l-Avukat tal-Kunsill kien hemm dikjarazzjoni bil-miktub min-naħħa ta' l-Awtorita' tal-Artijiet li d-deċiżjoni proprja hija dik tat-23 ta' Lulju 2020, u mhux l-imejl li kienet intbagħtet f'Ġunju, minkejja li f'din l-imejl kien hemm li hija deċiżjoni finali. Fid-dawl ta' dan, l-appell fuq il-mertu ġie ċedut. Dan anke għaliex, rigward id-deċiżjoni tat-23 ta' Lulju (li għal dan il-għan is-Sindku ressaq rikors għal dan l-appell), il-Kunsill qed jistenna biex ikollu data tas-smigħ. L-Avukat, b'konsultazzjoni mas-Sindku kompla billi qal li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-Awtorita' tal-Artijiet għaliex il-Kunsill ġie sgwidat mill-imejl li intbagħtet aktar il-quddiem. Il-Maġistrat Simone Grech ser tagħti s-sentenza fit-18 ta' Settembru fid-9.00 ta' filgħodu. Hu qal li għall-Awtorita' tal-Artijiet, dehret l-Onor. Dr Justyne Caruana. F'din is-seduta xehed is-Sur Jurgen Spiteri għall-istess Awtorita'.

18.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li twaħħlet il-*bollard* ta' Wied Siekel. Fil-ġranet li ġejjin se titwaħħal il-*bollard* ta' Triq il-Għajn, wara li jinstab il-permess ta' Transport Malta.

18.4.6 Is-Sindku informa li sar it-*trimming* tal-pjanti tal-belvedere.

18.4.7 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg għarraf lil dawk preżenti li saret il-manutenzjoni tal-bankijiet tal-belvedere ta' ħdejn l-Għajn ta' Bendu, u ta' Pjazza l-Għejjun.

18.4.8 Rigward il-*patching* ta' Triq ta' Mulejja, is-Sindku informa li l-għada tal-laqgħa preċedenti, it-trinka sarilha *patching* temporanjament. Informa li daħlet applikazzjoni oħra mill-WSC għall-blokka bini ieħor. Qed jipproponu li fejn ser isir ix-xogħol mill-Kunsill bil-*porvido* jagħmluh permezz ta' *remix* jew siment għax se jinqala fil-granet li ġejjin u l-kumplament ser isir bit-tarmac. Kien hemm qbil li jingħata l-permess lil WSC.

18.4.9 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li *camera* tal-*playing field* fl-aħħar tressqet mill-kuntrattur biex tkopri l-monument tal-logħob tan-nar kif kien sar qbil fil-Kunsill preċedenti u l-*camera* l-oħra tniżżlet l-isfel skond l-ordni tad-*Data Protection Officer*.

18.4.10 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa ukoll li saret ukoll il-manutenzjoni ta' l-*air condition* tas-sala, peress li *unit* minnhom kien waqaf. Dan sar skond il-garanzija.

18.4.11 Is-Sindku informa li daħallu ilment fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn, il-fuq minn Triq il-Qalb ta' Ġesu qed jitilgħu xi karozzi kontra l-linja. Issuġġerixxa li jitbaxxaw it-tabelli li hemm, biex ikunu jistgħu jidhru aktar. Kien hemm qbil.

18.4.12 Informa li hemm ukoll inkonvenjent li ħdejn Fontana Flats, fi Triq il-Għajn, hemm *pipe* ta' l-*air condition* iqattar fuq il-bankina u qed ixarrab il-bankina kollha u barra li jxarrbek, għamel il-ħass fuq il-bankina u qed ikun ta' periklu għal min jgħaddi minn hemm. Kien hemm qbil li jiġu nfurmati l-Pulizija u d-Dipartiment tas-Sanita'.

18.4.13 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li l-pjanta dwar il-bankini ta' Pjazza l-Għejjun inġabret illum mingħand il-Perit Gordon Vella.

18.4.14 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa lil dawk preżenti li l-pjanta għal kaxxi għall-vetturi bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Triq il-Kappillan G. Hili fuq in-naħħa ta' l-ispiżerija ġejja spiża minħabba l-fatt li *Transport Malta* ma' għamluhiex għax kien hemm min mar itellef. Il-Kunsill se jidħol f'mijiet ta' Ewro oħra spejjeż imma ser issir xorta. Hu tenna li wara li tkellem mal-Perit Gordon Vella, irid jitqabbad *surveyor*. Is-Sur Horace Micallef tenna li min-naħħa tiegħu pprova jgħin imma kien kollu għalxejn. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-pjanta.

18.4.15 Is-Sindku nforma li l-Kunsill bagħat xi proposti rigward il-konsultazzjoni

ta' *Rural Policy*. Hu tenna li ntbagħtet id-*draft* lill-kunsilliera imma l-Kunsill ma' rċieva l-ebda kumment. Din kienet tagħlaq it-Tnejn li għadda. Is-Sindku talab biex jitniżżel x'inbagħat. Il-Kunsill bagħat: *Fil-waqt li l-kampanjia trid tiġi mħarrsa kemm jista' jkun possibli, u billi jinqatgħu l-abbużi ta' l-ispekulaturi fi ħruġ ta' permessi f'dawn iz-zoni rurali, il-bdiewa ġenwini part-time jew full-time xorta għandhom jingħataw permessi biex ikollhom l-opportunita' li jagħmlu l-iżviluppi meħtieġa biex ma jkomplux jonqsu bħalma qed isir u b'hekk il-kampanja tkompli tiġi abbandunata minħabba r-raġuni li ma' jkun hemm ħadd li jieħu ħsiebha, b'telf kbira għall-ambjent ta' dawn il-gżejjer.*

*Kif ukoll biex il-pajjiż ikompli jkollu prodotti mkabbra lokalment biex kemm jista' jkun ma' jkunx jiddependi kważi għal kollox fuq l-importazzjoni ta' l-ikel, bħal hu illum f'dawn iż-żminijiet diffiċli tal-pandemija, kif ukoll pandemiji oħra li jistgħu jinqalgħu il quddiem. Dan għar-raġni li kull pajjiz qed ikollu jaħżen l-ikel aktar għalih, minflok jesporta.*

18.4.16 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fl-ewwel xhur tas-sena l-Kunsill kien bagħat talba lid-Direttur għall-Gvern Lokali u lil Ministru l-Onor. Jose Herrera biex il-Kunsill tal-Fontana jiżdiedulu l-fondi. Hu tenna li t-tweġiba tad-Direttur kienet li hu ma' jistax iżid fondi lil Kunsill u biex meta jkun hemm xi skemi, il-Kunsill japplika għalihom. Is-Sindku talab biex il-Kunsill jikteb lura, u jinfurmah li għaddew tmien xhur mis-sena u għadha ma' ħarġet l-ebda skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

18.4.17 Is-Sindku informa ukoll li rigward il-proposta li l-Kunsill bagħat lir-Reġjun Għawdex, is-Sur G Refalo nfurmah jekk ikunx tajjeb jekk ikun hemm proposta li l-baġit ta' kunsilli żgħar ikun ta' lanqas €200,000.

18.4.18 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li t-tabella tal-konfini fil-Wied tax-Xlendi għadha mmejla.

18.4.19 Is-Sindku informa li wara li l-Kunsill tkellem mas-Sur Frans Mallia mill-PA, is-Sur Clayton D'Amato mill-uffiċċju tal-Perit Anthony Bezzina ħa ħsieb jibgħat lil PA kif ser jintefqu t-€22,000 biex ikunu jistgħu jiġu nklużi fil-kuntratt fuq il-proġett tax-xogħlijiet ta' tisbieħ fi Triq iċ-Ċentru Parrokkjali u f'parti mit-Triq ta' Mulejja.

18.4.20 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-kampnar ġie mixgħul dakinhar li

ssemma' waqt il-laqgħa. Kien ilu mitfgħi minn meta sarulu x-xogħlijiet tar-restawr. Peress li kien hemm il-ħsara saru ħames *floodlights* ġodda minn tnax.

18.5 **Is-Sitwazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku** (Tiġdid tal-Permess)

18.5.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva mingħand is-*Superintendence of Cultural Heritage*, din il-korrispondenza: *The site is located within the Urban Conservation Area of Fontana and is abutting the Grade1 Scheduled Fontana Parish Church (G.N. 0782 of 2011). Photos show a vernacular building, constructed in traditional masonry techniques and front with a traditional facade. The building is shown occupied in the 1968 Survey Sheets, but predates this date. The proposal is for the total demolition of the building in order to construct a one storey dwelling. The Superintendence expresses grave concern at the proposal brief. The demolition of vernacular buildings in the Urban Conservation Area is completely unacceptable. The existing building is to be better incorporated with the development. Furthermore, a severely limited photographic survey was provided whcih did not include any internal views of the property. Although photographs of internal spaces are obligatory submission documents for buildings visible on the official 1968 survey sheet in which internal/external alterations or demolition is proposed (PA Circular 04/16: Section 3.5B), no photographs have been made available to the Superintendence for assessment. The building may have architectural features warranting preservation and which will need to be integrated into the proposed development. The Superintendence cannot adequately assess the impact of the proposed interventions in the absence of a detailed photographic survey. The Superintendence reserves comment on this aspect of the development application.* Din il-korrispondenza ġiet irrisponduta mill-Perit Gordon Vella, li qegħda tkun mehmuża ma' dawn il-minuti, u sa llum għadna mingħajr tweġiba. Is-Sindku informa l-Kunsill li meta saret l-ewwel applikazzjoni li ġiet imġedda għal diversi drabi, kien ġie l-bord ta' l-antikitajiet, presedut mill-Perit Michael Ellul, nhar il-5 ta' Diċembru 1996 u li ma sab li ma hemm xejn ta' valur arkitettoniku u għalhekk kien irrakkomanda biex il-permess jingħata mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 18.6 Ħruġ ta' sejħiet ta' l-offerti

18.6.1 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa lil dawk preżenti li dik il-ġimgħa ħarġet is-sejħa ta' l-offerti *Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Fontana, Gozo, in an Environmentally Friendly Manner*. Is-Sindku kompla billi qal li dan it-tender se tagħlaq fil-11 ta' Settembru 2020. Is-Sur Carmel Farrugia tenna li issa l-ħġieġ irid jitpoġġa fil-kontenitur il-kannella biex jingabar. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li se jkun qed jitwaħħal avviż fin-*notice boards* u fuq il-medja soċjali tal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li dan it-tender se tagħlaq fil-11 ta' Settembru 2020.

18.6.2 Hu informa wkoll li f'dik il-ġimgħa għalaq il-perjodu ta' l-appell tat-Tender *Works Tender for the excavation of trenches and replacement of house connections in Triq il-Għajn, Fontana*. Hu tenna li ma' kienx hemm appell u tista' terġa toħroġ immedjatement. Kien hemm qbil.

18.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li rigward il-proġett tax-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-*porvido* fi Triq iċ-Ċentru Parrokkjali u parti minn Triq ta' Mulejja, l-Kunsill irċieva bil-posta l-garanzija bankarja datata 14 ta' Awwissu 2020.

## 18.7 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

18.7.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li dak inhar għalqu n-nomini għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Is-Sur Horace Micallef staqsa kemm daħlu applikazzjonijiet u s-Sindku wieġeb li daħlu żewġ applikazzjonijiet. Is-Sur Horace Micallef staqsa wkoll jekk humiex eleġibbli u s-Sindku wieġeb li dan jiġi deċiż fil-laqgħa tal-Bord.

## 18.8 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

18.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti l-Kunsill reġa' bagħat lis-Sa. Catherine Fenech rigward id-dokumenti tad-Devoluzzjoni ta' l-Għejjun u sa llum il-ġurnata l-Kunsill ma' rċieva l-ebda risposta. Is-Sindku ssuġġerixxa biex tintbagħat ittra reġistrata lis-Sa. Fenech biex jekk hi qalet lis-Segretarju Eżekuttiv li dawn ġew devoluti fit-8 ta' Marzu 2018, u jekk għandha dan il-kuntratt, tibagħat kopja lil Kunsill. Hu qal li devoluzzjonijiet ma' jsirux hekk, imma

b'kuntratt. Hu fakkar li l-Kunsill reġa' nefaq madwar €324 biex jerġa jsir *survey* u pjanti tal-bankini ta' Pjazza l-Għejjun. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jikteb ukoll lis-Sinjura Heidi Grech biex tinforma lil Kunsill jekk fi żmien meta hi kienet Segretarju Eżekuttiv irċevietx xi ħaġa. Is-Sur Horace Micallef tenna li jekk ma' sarx dan il-kuntratt, għandu jsir issa. Is-Sindku wieġeb li issa ħarġu bl-argument li riedu pjanta tal-bankini biss għax l-oħrajn kienu ġew devoluti fis-sena 2018. Il-Kunsill qabel li tinkiteb din l-ittra.

18.8.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-PA rigward applikazzjonijiet ta' Żvilupp – *to change use of garage to public service garage in Triq J. G. Le Marchant, Fontana, Triq Santa Dminka, Rabat*. Is-Sindku wieġeb li ma hemm xejn speċjali fiha għax *change of use*. Hu kompla billi qal li importanti li l-Kunsill ikun infurmat b'dawn l-applikazzjonijiet biex jekk ikun hemm każ jaħraq, il-Kunsill ikun jaf bih. U f'ċertu każi jekk il-Kunsill ma jweġibx ikun ifisser li qed jaqbel.

18.8.3 Ċirkulari DLG 6/2020 – Kuntratti dwar Ġbir tal-Iskart. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li talab l-informazzjoni kollha lill-kuntrattur u intbagħtet lid-Dipartiment. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.4 Korrispondenza mingħand is-Sa. S. Psaila mis-*Central Bank of Malta* bit-titlu *Education Classes*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.5 Ċirkulari Nru AKL 2020/086 – *EU 2020 presidency conference on sport – major focus on local authorities and sport – register asap if desired!*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.6 Ċirkulari Nru AKL 2020/087 – *Launch of Code Week 2020*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.7 Ċirkulari Nru AKL 2020/056 – *EUCF Webinar 30/05/2020 @ 9am*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.8 Ċirkulari Nru AKL 2020/090 – *European Mobility Week Documents*. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill japplika għall-van għal aktar mobilita' lill-anzjani tal-lokalita'.

18.8.9 Korrispondenza mingħand is-Sur D. Ciappara mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanita Attivita' u Persuni b'Diżabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2020/091 – *BOV Upload Payment File – user manual.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.11 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Henwood mill-ERA bis-suġġett *Register of Licensed Tree Specialists*. Is-Sindku wieġeb li meta l-Kunsill kien ikollu bżonn jiżbor xi ħarruba, kien jitqabbad persuna liċenzjata. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2020/093 – *Training and capacity building opportunities for CLGF Mayors*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/092 – *European Mobility Week Documents – LC Communication*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/095 – Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/089 – *Entente Florale Europe*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.16 Korrispondenza mingħand is-Sur G Refalo mir-Reġjun Għawdex bit-titlu *Meeting mal-Enforcement Board – Compliance & Regulatory Directorate* tal-Malta Tourism Authority. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/094 – *Illum ma' Steph* – Stedina lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.18 Direttiva DLG 4/2020 – L-Użu tal-*Internet Banking*. Il-Kunsill innota l-kontenut. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsill ġa għandu s-sistema ta' *Internet Banking* imma jrid isiru xi aġġornamenti u tibdil fiha.

18.8.19 Direttiva DLG 5/2020 – Depożitu ta' Flus fil-banek. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18.8.20 Ilment Nru: 25/2020
Qed tilmenta' li fil-bidu ta' Triq Sptar San Ġiljan qed ikun hemm riħa

qawwija ta' drenaġġ ħierġa minn ġo tappier. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Inġinier Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kien hemm qbil. Is-Sur Horace Micallef tenna ukoll li kellhom imorru ukoll tas-Sanita' f'dan il-post għax qed jingħad li r-riħa ħierġa minn xi postijiet.

18.8.21 Ilment Nru: 26/2020
Qed tilmenta li hemm problema kbira ta' ħamiem fi Triq Mons. Mikiel F. Buttigieg. Is-Sindku wieġeb biex ninfurmaw x'inhuma l-proċeduri. Hu qal li skond l-A.K.L., l-ewwel kien għaddejjin xi taħdidiet mal-Ministeru tal-Onor Clint Camilleri li waqfu x'ħin inbidlu l-Ministeri. Issa reġgħu bdew dawn it-taħdidiet mal-Ministru l-Onor Dr. Anton Refalo.

18.8.22 Ilment Nru: 27/2020
Qed tilmenta' li fi Triq Dun Ġużepp Grima (taħt il-mina), xi ħadd qed ipoġġi ammont kbira ta' boroż ta' skart organiku minn kmieni ħafna u qed iħallu riħa tinten. Issuġġeriet li titwaħħal tabella biex ma' jitpoġġiex skart hemmhekk. Is-Sindku ssuġġerixxa li trid issir tabella biex l-iskart ma' joħroġx kmieni. Is-Sur Horace Micallef wieġeb li l-Kunsill jista' jagħmel tabella wara kull bieb. Kien hemm qbil li meta jerġa jinħareġ avviż lir-residenti, issir enfażi fuq il-ħin.

## 18.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

18.9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 18.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

18.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 14/2020 għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u t-30 ta' Awwissu 2020 li tammonta għal €8,249.87 ġiet approvata u ffirmata.

## 18.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.55 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020, fl-4.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2020.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Gordon Vella Architect & Civil Engineer
COR 951, Level 2, J.F.Kennedy Square, Victoria, Gozo, Malta, VCT 2582.
Tel: 21556330 Mob: 79449744 E-Mail: vellagordon@gmail.com

26th June 2020

**Planning Authority**

Our ref: 10871

Your Ref: **PA 2654/20**

Dear Madam,

We refer to SCH consultation at 43A.

Kindly note that this is an ongoing holistic project which has been ongoing since the mid 1990's. The accepted and approved concept has always been that the redevelopment would provide a public open space at roof level, which would be exactly at the same level, and an extension, of the church parvis. This concept also makes sense from a planning point of view since the locality does not have a 'pjazza', and this serves as a spacious public open space. The single floor below the said space is to accommodate the Local Council offices which serve the residents of this locality. In fact most of the site has already been redeveloped accordingly, and all of the site has been covered by the following long list of permits:

PA 5361/96
PA 337/01
PC 75/02 (kindly note that the official street widening alignment passes through part of the remaining building to be redeveloped)
PA 1536/06
PA7083/07
PA 121/09
PA 701/14 (kindly note that this permit for total redevelopment was not objected to by both the HPU and the CHAC).

The only reason that the project has not been completed long ago as per approved permits, is due to a legal issue by the Lands Authority regarding the eviction of an individual from part of the premises.

It is not possible to comply to the request of the SCH to retain the existing building namely for the following reasons:

Copyright © Perit Gordon Vella

1) The remainder of the site has already been committed by a layout for a public building which needs to comply to numerous other requirements including sanitary requirements and CRPD requirements for accessibility;
2) The existing building will be completely out of context because the area around it has been redeveloped as per approved permits for the public open space as described above. The official street alignment passes through part of the building (refer to attached Photo 4 and Photo 1).
3) The level of the roof of the existing building is more than 1m higher than the church parvis and the existing surrounding public open space, and cannot thus be integrated into the approved redevelopment project. (refer to attached photos 2 & 3).

With reference to requests by CRPD we have updated drawings and would like to draw the attention of the CRPD that the drawings are identical to those already approved by CRPD during the access audit of PA/00701/14/45a, which is being attached for ease of reference.

Drawings also updated to address issues raised by SEO.

In view of this we kindly ask you to proceed with the processing of the application.

Regards,

**Perit Gordon Vella**

NG S.Bor

Copyright © Perit Gordon Vella



Photo 1 – Existing Building out of official alignment

Copyright © Perit Gordon Vella



Photo 2 – Existing Building roof higher than open space level.

Copyright © Perit Gordon Vella



Photo 3 - Existing Building roof higher than open space level.



Photo 4 – Remaining of Existing Building out of context and out of official alignment.

Nl.

S. Boy

Copyright © Perit Gordon Vella